MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 494/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Attard**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Attard, karta ta' l-identita` numru 406666(M), talli:

(1) nhar-it 12 ta' Marzu 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Marie Louise Attard u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

(2) nhar-it 12 ta’ Marzu 2011 ghall-habta ta’ 17:30 hrs meta hekk ordnat mill- Qorti jew marbut bil-kuntratt biex jaghti access lil Marie Louise Attard ghal uliedhom, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 338(ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imsemmi Noel Attard hati u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai terminu ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Noel Attardipprezentat fit-28 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah miz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li fil-mori tal-kawza l-appellant hallas il-manteniment dovut u ghalhekk il-procediment ghandu jitqies ezawrit; (2) li l-appellant ma kellux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

**6.** Permezz ta’ l-ewwel aggravju l-appellant jissottometti illi, stante li huwa hallas il-manteniment dovut fil-mori tal-kawza, dwar il-mertu ta’ l-ewwel imputazzjoni il-procediment ghandu jitqies ezawrit. Jghid illi hu hallas tard ghax il-mara tieghu ma ndikatx fejn qed tghix.

**7.** Dwar l-ewwel aggravju mhuwiex kontestat li l-hlas sar. Anzi dan jirrizulta minn verbal li sar fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 2011 quddiem l-ewwel Qorti u anke mis-sentenza appellata. Izda l-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (z) ta’ l-artikolu 338 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku. L-artikolu 338 fil-fatt jinsab fis-Sub-Titolu I tat-Titolu I tat-Taqsima III ta’ l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali. Bhala

kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku mhijiex rinunzjabbli. Il-fatt tal-hlas jista' jittiehed in konsiderazzjoni biex ikun hemm temperament tal-piena, izda l-hlas ma jeskludix ir-reita`. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

**8.** Dwar it-tieni aggravju l-appellant jibda biex jissottometti illi l-access mhux dritt tal-genituri izda fuq kollox obbligu. Jghid li l-omm tammetti li dakinhar tat-12 ta' Marzu 2011 naqset mill-obbligu taghha li tmur ghat-tfal fil-hin ordnat mill-Qorti fid-digriet taghha. Minflok marret fl-10.00 a.m. marret tmien sighat tard u ppretendiet li ssib kollox l-istess jistenna lilha. Il-fatt li t-tfal ma dahlux fil-karozza u ma marrux maghha f'dak il-hin ma jikser ebda digriet ghax il-missier mhux tenut joqghod jistenna lill-mara biex tigi ghat-tfal f'hin li mhux indikat fid-digriet ta' l-access. Digrieti ma jistghux jigu mibdula b'semplici sms. Barra minn hekk, jghid l-appellant, huwa baghat lit-tfal ghall-access ghax hargu mid-dar u marru fejn ommhom u kienet hi li ma hadithomx u ma nsistietx maghhom biex jidhlu fil-karozza. L-appellant jghid li hu ma seta' jaghmel xejn f'dak il-waqt ghax l-obbligu li jibghathom kien wettqu, b'dan li t-tifel iz-zghir ma harigx ghax kien ma jiflahx bid-deni u kien fis-sodda – dan il-fatt il-mara kienet tafu. Imbaghad it-tifla ta' sbatax-il sena kellha hafna studji ghall-ezamijiet finali ta' l-ewwel sena tal-Junior College. It-tifel fustani hareg u qal lil ommu li ma xtaqx imur. L-appellant jghid illi fil-kamp penali jrid jigi pruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikun wettaq ir-reat. F'dan il-kaz ma giex pruvat li huwa kiser id-digriet li jghid li jrid jibghat lit-tfal ghall-access fl-10.00 a.m.  u ghalhekk ma kellux jinstab hati.

**9.** Issa, l-appellant gie akkuzat illi fit-12 ta' Marzu 2011 ghall-habta tal-5.30 p.m. "meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt" naqas li jaghti access lil martu ghal uliedhom. Skond id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-8 ta' April 2010, l-omm giet awtorizzata jkollha access ghat-tfal "alternattivament is-Sibt jew il-Hadd mill-10.00 a.m. sat-8.00 p.m.". Mary Louise Attard xehdet illi bil-lejl kienet ma tiflahx u ghalhekk filghodu baghtet sms lil zewgha li kienet se tmur ghall-habta tas-6.00 p.m. u sperat li sa dak il-hin tkun hafna ahjar. L-appellant zamm

il-messagg fuq il-mobile tieghu u dan kien jaqra: “Due to unforeseen circumstances I will pick up kids at 6”. Jigifieri fil-messagg ma ndikatx li kienet ma tiflahx. Pero` almenu kienet tat preavviz. Naturalment il-fatt illi ma marritx ghat-tfal fl-10.00 a.m. kien telf taghha. Ma jfissirx izda illi la marret filghaxija ma kellhiex dritt tarahom ghall-hin li kien ghad baqaghlha ghall-access.

**10.** Gara illi meta marret ghall-access, it-tifla, li kellha sittax-il sena, qaltilha li ma setghetx tmur ghax kellha x’tistudja. It-tifel iz-zghir qallha li ma kienx jaf x’se jaghmel. Dwar tifel iehor giet infurmata li kien ma jiflahx izda fl-ebda waqt tul dawn il-proceduri ma gie prodott certifikat mediku. Dato ma non concesso li tifel wiehed kien ma jiflahx, l-appellant, in vista tal-preavviz li kien inghata, kellu jassigura ruhu li z-zewgt itfal l-ohra jkunu lesti sabiex imorru ghall-access ma’ ommhom.

**11.** Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Natasha Theuma** moghtija fit-8 ta’ Gunju 2007 (citata wkoll mill-ewwel Qorti) fejn inghad:

**“Din il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak li jinghad fis-sentenza appellata, anke fuq l-iskorta ta’ sentenza ta’ din il-Qorti (Qorti ta’ l-Appell Kriminali), diversament komposta, tas-17 ta’ Frar 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Isabelle Cilia, fis-sens li l-paragrafu (*II*) in dizamina jimporta element ta’ *positive obligation* da parti ta’ min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja “taghti access”, espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra. Fil-kaz Cilia, *supra*, gie ritenut li r-rifjut ta’ tifel ta’ ghaxar snin li jmur ghand missieru, probabbilment ghax kien jara lil ommu tibki u ghalhekk b’sens ta’ lealta` lejha ma kienx irid imur ghand missieru, ma kienx jezonera lill-omm milli fizikament tikkonsenja lil dan it-tifel lill-missier. Kif inghad f’dik is-sentenza, l-ordni tal-qorti civili kompetenti kellu jigi rispettat u osservat *ad***

***unguem*** **u ma setax *"…jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jipprezenta ebda diffikulta` biex jigi konsenjat fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda tieghu, mill-omm lill-missier. Altrimenti jigi li dan it-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni tal-qorti."* Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li "jaghti access"; ikun ukoll facli li dan l-obbligu jigi eluz billi, kif sfortunatament spiss jigri, it-tfal jigu manipulati, direttament jew indirettament, bi kliem, gesti jew anke b'semplici atteggjament da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja biex dawn "jirrifjutaw" li jmorru mal-parti l-ohra. Mill-banda l-ohra wiehed ma jridx jinsa wkoll li anke t-tfal jistghu jippruvaw jisfruttaw u jimmanipulaw is-sitwazzjoni, hafna drabi ta' tensjoni u pika, li jkunu jinsabu fiha l-genituri, a beneficcju taghhom, u dak li jkunu "jridu" jew "jixtiequ" it-tfal ma hux necessarjament fl-interess veru taghhom."**

**12.** Fil-kaz odjern huwa evidenti illi l-appellant ma wettaqx il-*positive obligation* imsemmi fis-sentenza appena citata. Ma heggigx lil uliedu biex imorru ma' ommhom ghall-ftit hin li kien ghad baqa'. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta sabitu hati anke tat-tieni imputazzjoni.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu ta' xahar *conditional discharge* jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 22(3) ta' l-istess Kap. 446, fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------